# IL-PITTURA TAL-KOR U L-VARA TAL-LUNZJATA

Il-Fuljett TARXIEN din is-sena ħa arja ġdida u jien xtaqt li nikteb xi ħaġa għal l-ħarġa speċjali tal-festa titulari, bħal ma kont nikteb fis-snin twal l-imgħoddija. Ser nikteb fil-qosor għax il-fuljett ismu miegħu mhux volumnus.

Din hija storja moħbija għax seħħet bejni u bejn il-W.R. Dom Mauro Inguanes, il-famus ex-bibljotekarju ta' Monte Cassino li wara t-Tieni Gwerra Dinjija ġie Malta u laħaq Bibljotekarju Nazzjonali tal-Belt Valletta. U billi huwa kien ta' spiss jarani nqalleb il-kotba qrib l-uffiċċju tiegħu kien qalli li jixtieq jiġi jara l-Knisja tar-Raħal tagħna nhar il-festa tal-Lunzjata u dawwartu jien stess.

Huwa ġie fil-festa u ħa gost ħafna, tant li qalli li l-knisja tagħna tħabbatha mal-knejjes ta' l-ibliet għat-tiżjin u l-ġmiel li fiha. L-aktar ħaġa li għoġbitu kienet il-pittura ta' Ġużè Calì fl-arzella fil-Kor li għandha suġġett teoloġiku xejn anqas mill-pittura tal-Lunzjata it-titular li pinġa Piet. Gagliardi li hija wisq devota billi taqbel mal-Vanġelju li kiteb San Luqa, fejn naraw lil Anġlu Gabriel iħabbar lill-Madonna li kellha ssir Omm ta' l-Iben ta' Alla bil-qawwa ta' l-Ispirtu Santu li huwa jidher taħt forma ta' beċċun fost dija ta' dawl l-aktar sabiħ.

Dom Mauro difett wieħed biss sab fil-knisja tagħna. Qalli din x'biċċa hija li l-Vara ta' l-injam ma taqbilx mal-pittura tat-titular tal-kor? Qalli l-vara m'għandiex l-Ispirtu Santu li huwa essenzjali fix-xbihat tal-Lunzjata. Kellu raġun u skanta meta għedtlu Ġużè Calì ukoll kien ried iżid il-figura ta' l-Ispirtu Santu meta kien jaħdem il-pittura tal-kor u xogħol ieħor fl-1874. Jingħad li l-kappillan ma kellux flus għax kien ġa nefaq kollox biex irranġa l-bini tal-knisja, il-pedestal u l-bradella ġdida tal-vara.

Kienet ħasra qalli Dom Mauro li ntefqu ħafna flus waqt li l-Ispirtu Santu kien aktar meħtieġ biex il-vara tkun bla difett teoloġiku. Dom Mauro kien devot kbir tal-Madonna billi huwa stess kien twieled l-Isla, belt dedikata wkoll lill-Madonna.

Jien ma tliftx żmien biex ngħid lill-kappillan b'din li storja iżda l-kappillan qalli, "Issa mhux il-waqt li nqanqal din l-affari għax hawn taħwid biżżejjed fil-Kurja bil-kwistjoni politika".

Għall-paġna 11


# ALUMINIUM WORKS

**VELLA BROS. ALUM. Co. LTD.**



Manufacturers of
ALUMINIUM SLIDING
and OPENING DOORS,
WINDOWS, SHOPS.
BALLUSTRADES
and FACADES

*Plot 24 N/S in Gudja Road; Tarxien PLA 19 Tel: 692917*

**MLR** IMPORTS LTD

NEW STREET IN GUDJA RD,
TARXIEN PLA 19
**Tel: 697911 Fax: 697908**
**Mobile: 099 6756**

**Importers of:**
Pigeon mixtures
Bird seeds
Pet & Garden products
Artificial plants

ikompli minn paġna 10

Calì kien għamel proġett li jżid l-Ispirtu Santu fuq raġġiera tal-fidda bejn l-Anġlu u l-Madonna, ħaġa sabiħa tassew li saret malajr għall-vari tal-Bambina ta' l-Isla u l-Kunċizzjoni ta' Bormla waqt li l-vara ta' Ħal Tarxien baqgħet difettuża,

Fiċ-ċentinarju ta' ftit snin ilu jien stess erġajt qanqalt il-kwistjoni u l-kappillan qalli, "Tqanqalx inkwiet, in-nies iridu biss jirrestawraw l-induratura tal-vara, int biss qed titlobni din iż-żieda fil-vara". Għalhekk tlabt lill-Prof. Dun Karm Sant biex jieħu din l-affari f'idejh. Jien ma kontx naf xi ġralu u qalli, "Tlift id-dawl t'għajnejja, x'nista' nagħmel biex nara d-disinn tal-vara bla ebda difett?" L-imsejken Profs miet u jien billi llum għandi 89 sena qiegħed nagħmel l-aħħar sforz biex forsi nara l-vara tagħna kif għandha tkun. Il-Kanonku Dun Gwann Sant, ħu l-imsejken Professur, wiegħdni li jgħin biex jara l-vara mżejna bl-Ispirtu Santu kif jixraq skond il-Vanġelju.

RAFEL BONNICI CALÌ
nhar il-Milied 1995.



REPAIRS ALL KINDS OF
**WASHING MACHINES**
CHARLES TRIGANZA
27, Neolithic Temples Str.,
Tarxien.
☎ 693827

**PARAMOUNT KIOSK**
**Specialists in:** Hamburgers, Fish & Chips, Pizza, Hot Dogs, Qassatat, Cheese Cakes, Timpani, Cold Drinks, PIES and GRANITA, etc.
Orders for small cheese cakes and small pizza
**ENJOY OUR DAILY FRESH PRODUCTS**